# Il-Ħuttafa




Numru **50**

Mejju - Ġunju 2002

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf!

BirdLife MALTA
40 years for birds

Klabb Ħuttaf

# EDITORJAL




Editorjal 2
Aħbarijiet 3
X'għandna mid-dinja? 4
Il-Fras Servjent 5
Kun berdwoċer 6
Gallerija 6
Spot natura 7
Kompetizzjoni 7
FALKO 8
Attività 8
Ittri 9
Sittsaqajn 9
Għali ambjentali 10
Mur aqbad ktieb 11
Biex niċċajta 11
Daħħal membru 11

## Ħbieb Ħuttaf



Wasalna għall-ħamsin ħarġa tal-Ħuttafa, u għalhekk fuq il-qoxra did-darba ġibna l-faċċati tal-ħarġiet kollha tal-Ħuttafa min-Numru 1 s'issa! Dawk minnkom li faddaltuhom kollha għandkom l-unur tgħidu li ilkom tissapportjaw il-Klabb mill-inqas 8 snin. Prosit - jekk ilhom daqshekk tirċievu l-magażin u taqraw u titgħallmu minnu, mela aħna moħħna mistrieħ li f'moħħkom għandkom ħafna għerf interessanti fuq in-natura. U iktar minn hekk, għandkom f'qalbhom ħafna rispett u mħabba lejn ħutna l-annimali u l-pjanti tad-dinja.

Għax kif tafu, fil-Ħuttafa ma nġibux biss fuq in-natura ta' Malta, imma tad-dinja kollha. Dan nagħmluh għax in-natura ma tafx x'inhuma pajjiżi u fruntieri. Pjanta li tikber Malta biss (bħal widnet il-baħar) mhijiex biss tal-Maltin, imma hija tad-dinja kollha. *Aħna biss il-gwardjani tagħha dik il-pjanta*, u d-dmir tagħna hu li naraw li ma jiġrilha xejn. Meta mid-dinja jinqered xi annimali, ikun fejn ikun, l-ambjentalisti kollha jiddispjaċihom bit-telfa, u jiddispjaċihom ukoll li n-nies ta' dak il-pajjiż ikunu ħallew lil dak l-annimal jispiċċa.

Għalhekk meta hawn Malta l-kaċċaturi joqtlu l-għasafar bl-addoċċ mhux aħna tal-BirdLife biss nirrabjaw, imma anke ħafna barranin! U jagħmlu sew, għax wara kollox l-għasafar mhumiex tagħna! Per eżempju meta nqatlu ċ-ċinji f'Wied il-Għajn, inkitbu ittri ta' protesta mid-dinja kollha! L-istess ukoll ġara meta dan l-aħħar sar massakru tal-kuċċard (ara paġna 3). U daż-żmien bl-internet l-aħbarijiet jinxterdu mad-dinja kollha f'ħames minuti!

L-ambjentalisti vera mhumiex ambjentalisti Maltin, Taljani Ċiniżi jew Kanadiżi, imma ambjentalisti TAD-DINJA KOLLHA.

Ċaw ħbieb, u tantx tixxemmxu!



Victor

**Victor Falzon**
Editur

## Kumitat Klabb Ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo

Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **21347646** Fax: **21343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**
email tal-magażin: **ilhuttafa@birdlifemalta.org**

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'din il-publikazzjoni jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummerċjali, dment li jissemma' l-isem Il-Ħuttafa u dment li tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.
Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Stampat: Poulton's Print Shop, Ġunju 2002
Ħajr lil EURONATUR

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.

# Spettaklu... u massakru!

Kif tafu fir-rebbiegħa ssir il-passa ta' l-għasafar li jkunu telgħin lura mill-Afrika lejn l-Ewropa biex ibejtu. Minn Malta jgħaddu ħafna għasafar f'daż-żmien, u fost dawn jgħaddi wkoll xi tajr tal-priża bħal bgħadan u kuċċard.

Fit-8 Mejju, f'temp ta' xi sagħtejn, għaddew minn fuq Malta ma'l-elf **kuċċarda** (European honey-buzzard *Pernis apivorus*)! M'għaddewx minn kullimkien, u l-iktar li dehru kienu lejn il-lvant ta' Malta bħall-Port il-Kbir, Tal-Barrani, Tal-Ħandaq eċċ, u f'xi nħawi f'Għawdex. Berdwoċers li raw l-ispettaklu qaluli li dak il-ħin insew li qegħdin Malta, għax f'Malta mhux soltu jidher kuċċard f'dawn il-kwantitajiet - per eżempju qatgħa minnhom kien fiha xi 350 tajra!

Il-kaċċaturi rawh ukoll dan l-ispettaklu, u dawn taħom ferħ ta' ġenn! Ma damx ma beda baraxx kbir ta'sparar fuq dawn il-povri tajr, sparar kontinwu, anke minn fuq il-bjut tad-djar u mit-toroq prinċipali. Il-biċċa l-kbira tal-kuċċard kienu fil-baxx, u nqatlu kollha. Il-pulizija stess ikkalkulat li nqatlu mad-900 kuċċarda dakinhar (u min jaf kemm oħrajn li ħadd ma rahom!)

**Il-kuċċarda hija mħarsa mil-liġi ta' Malta! Imma f'Malta b'xorti ħażina eluf ta' kaċċaturi jiksru l-liġi u jisparaw fuq xhiex ifettlilhom.**



Qatgħa kuċċard prim waqt il-passa



# Mistieden speċjali!

Fit-22 April fir-riserva ta' l-Għadira niżel **fjamingu** (flamingo *Phoenicopterus ruber*) trid seba' għajnejn biex taraħ! Wasal filgħodu kmieni u qagħad hemm għall-kwiet jistrieħ u jnaddaf rixu! Kienet ġurnata xita u dakinhar ma tantx tfaċċaw nies fl-inħawi. Naturalment il-BirdLife infurmat il-pulizija minnufih, għax tajra kbira bħal dik tidher sew mit-triq u ma ried xejn biex xi kawboj bis-senter jitħajjar iżid il-fjamingu mal-kollezzjoni ta' tajr ibbalzmat.

B'xorti tajba (u b'ħafna għassa!) ħadd ma fixklu, u baqa' l-Għadira l-bqija tal-ġurnata u anke l-lejl. Telaq 'l għada filgħodu kmieni - huwa u ħiereġ jaqdef fl-inħawi ta' l-Aħrax xi kaċċatur ħerqan spara fuqu imma ma laqtux, u l-fjamingu baqa'sejjer.

F'Malta l-fjamingi jidhru kull sena, għalkemm mhux f'numri kbar. Imma rari ħafna li jinżlu, l-ewwelnett għax ma tantx hawn l-ambjent li jħobbu, u t-tieni nett għax f'Malta ma nafuħ inħalluhom bi kwiethom l-għasafar: fjamingu ieħor li niżel jistrieħ is-Salina ftit ġimgħat ilu daħal għalih kaċċatur, taħ tir u qatlu! X'pajjiż dan!!

# Bis-saħħa tagħkom!

**Fuq il-lemin taraw tfal mill-iskola primarja ta' Birżebbuġa qegħdin jittrumbjaw lejn l-għasafar fir-riserva ta' l-Għadira. Hemm min qed juża t-trombi u hemm min qed juża t-teleskopju. Dak huwa proprju t-teleskopju li nxtara bil-flus li ġbartu intom il-membri ta' Klabb Ħuttaf għall-mixja maratona 2001.**

**Bil-flus li nġabru mill-mixja ta' din is-sena issa għandna biżżejjed biex nixtru ieħor għar-riserva tas-Simar. La nixtruh ngħidulkom ukoll. Grazzi ħbieb!**




BirdLife Malta Pictures

# Tiġieġa għas-sħana!




Mhix ċajta! Din t'hawn fuq hija razza ġdida ta' tiġieġ li vvintaw ġo l-Israel. Sewwa qegħdin taraw - huwa serduq bla rix, imnittef bil-lest, imma ħaj! Ħadd ma nittfu, minnu hekk! Min ivvintah qal li din hija idea tajba għal pajjiżi fejn tagħmel is-sħana u jiffrankaw il-battikata, il-ħin, il-ħmieġ u l-enerġija li joqogħdu jnittfu t-tiġieġ meta dawn jinqatlu għall-ikel. Għall-ekonomija tagħmel sens, imma fejn marret id-dinjità ta' l-annimal??!




# Aktar foresta



Minn mindu wasal il-bniedem fi New Zealand, dal-pajjiż tilef iktar minn nofs il-foresti li kellu. B'xorti tajba llum ħafna nies qed jagħmlu minn kollox biex id-diżastru ma jkomplix. Issa smajna li se jżidu daqs 130,000 ettaru ta' art (daqs Malta erba' darbiet) mar-riservi u parks li diġà għandhom. L-art hija kollha foresta umda (rainforest). Waww!

# Muntanja xaħam!




Fl-1987 kien sar ftehim biex il-kaċċa tal-balieni tieqaf għal kollox mid-dinja. Imma n-Norveġja għamlet ta' rasha u wara ftit snin reġgħet bdiet toħroġ għall-balieni. U issa għandhom problema: **għandhom 1000 tunellata xaħam tal-balieni ma jafux x'se jagħmlu bih!**

In-Norveġiżi ma jikluhx ix-xaħam tal-baliena, u jixtiequ jesportawh. Imma ħadd ma jrid jixtri xaħam antik ifriżat! Probabbli jispiċċaw jarmuh!

Tgħallmuha l-lezzjoni? X'tgħallmu tgħallmu! Bħalissa qed jippreparaw il-vapuri biex joħorġu jaqbdu 674 baliena oħra!

Tifhmuhom dawn l-affarijiet intom? Lanqas jien!

# Reġgħu ħolmu bin-nukleari!



Minkejja l-protesti kollha li sarulu, il-gvern tal-Finlandja għadu kemm iddeċieda l**jibni pawer stejxin nukleari ġdida**.

Ħafna nies huma kontra l-enerġija nukleari għax l-iskart nukleari huwa radjuattiv u perikoluż ħafna. Jekk pawer stejxin nukleari tisplodi jew anke tnixxi (kif ġara fChernobyl fl-1986) tagħmel diżastru kbir ħafna għax ir-raġġi ta' radjazzjoni li joħorġu minnha jeqirdu jew imarrdu l-ħajja kollha fuq medda kbira taart. Tant hi qerrieda r-radjazzjoni li fdik l-art għal ħafna snin jibqa'ma jikber xejn, jew jikbru afarijiet difettużi.

Imma milli jidher anke wara diżgrazzji bħal ta' Chernobyl, xi nies xorta ma jitgħallmux u jibqgħu jissugraw u jagħmlu l-istess żbalji.

Fl-Ewropa kien ilu xi 10 snin ma tinbena pawer stejxin nukleari! Issa nisperaw li ma jitħajrux pajjiżi oħrajn...



# Il-fras servjent

**F'din il-ħarġa ser nagħtu ħarsa lejn wieħed mill-iktar għasafar sbieħ li jżuru l-gżejjer tagħna - il-fras servjent.**

Narawh l-iktar f'April waqt il-passa tar-rebbiegħa, meta l-għasafar ikunu telgħin lura lejn l-Ewropa biex ibejtu. Kultant jitfaċċa wkoll fis-sajf u fil-ħarifa, fi triqtu lura lejn l-Afrika ta' Fuq fejn iqatta' x-xitwa. Mhuwiex xi għasfur komuni, imma narawh kull sena.

Il-fras servjent huwa għasfur tal-plajja - jgħix f'dawk il-postijiet fejn l-ilma jiltaqa' ma' l-art: xi xatt, per eżempju, jew il-ġnub ta' għadira jew xmara. Il-postijiet favoriti tiegħu huma l-plajjiet bit-tajn u ilma baxx, fejn isib x'jiekol ħafna insetti, dud u bebbux żgħir. Iħobb ukoll inħawi bl-ilma salmastru, (ilma ħelu mħallat ma' ilma baħar).

Il-fras servjent huwa mxerred ma' ħafna pajjiżi, mhux biss fl-Ewropa. Imma mkien mhu komuni ħafna - s'intendi għax jeħtieġ ambjent speċjalizzat li fid-dinja dejjem qiegħed jonqos. Peress li x-xtut huma mfittxijin ħafna mit-turisti, ħafna plajjiet qed jinbnew bil-lukandi u ristoranti, u Malta xejn inqas.

Bħall-għasafar l-oħrajn tal-plajja (bl-Ingliż *waders*), il-fras għandu saqajh u munqaru twal, imma hawnhekk dan l-għasfur veru jispikka. Saqajh huma twal immens, itwal sew minn ġismu. Fil-fatt bħala daqs il-fras huwa iżgħar sew minn ħamiema, imma minħabba t-tul esaġerat ta' saqajh jidher ħafna ikbar. Dawn is-saqajn twal jużahom biex jinżel fl-ilma jfittex l-ikel fil-fond. U hawn in-natura tagħtina lezzjoni importanti. Veru li t-tajr tal-plajja kollha għandhom saqajhom twal, imma t-tul ivarja ħafna. Bejn speċi u oħra naraw differenza: per eżempju tal-fras servjent huma itwal minn taċ-ċuvett, u taċ-ċuvett itwal minn tal-monakella. Issa araw ftit kemm in-natura hija sabiħa: dan ifisser li meta jkunu qed ifittxu l-ikel flimkien, ma jiffullawx fl-istess post għax il-fras jaqbad id-dud mill-fond, iċ-ċuvett mill-baxx u l-monakella prattikament minn fuq l-art. B'hekk ħafna speċi jirnexxielhom jgħixu ma' xulxin mingħajr ħafna kompetizzjoni żejda. U mhux kulħadd jitqatel għall-istess dudu!

Il-fras servjent huwa ħabib kbir tal-berdwoċer minħabba li vera faċli tagħrfu! Il-kulur tiegħu huwa abjad silġ bi ġwienaħ suwed tuta, saqajh roża skuri u kif għedna twal ħafna ħafna (mhux ta' b'xejn l-Ingliżi jsejħulu *stilt*). Munqaru huwa twil u mislut, qisu splengun. Kultant nisimgħu l-għajta tiegħu li tixbah *kik-kik* qawwija ħafna. Insomma, ma tantx nistgħu nitfixkluh!

L-aħjar postijiet biex naraw dan l-għasfur hawn Malta huwa mal-baħar, fejn kultant jinżel jistrieħ fuq il-blat waqt il-passa. Ir-riserva ta' l-Għadira hija post favorit ieħor fejn ġieli jqatta' ġranet sħaħ jistrieħ u jiekol. Xena mill-isbaħ meta tinżel qatgħa ta' xi nofs tużżana fras u joqogħdu jippassiġġaw flimkien qishom ballerini!

U min jaf, forsi xi darba l-fras għad ibejjet l-Għadira ukoll - aħna tal-BirdLife żgur nilqgħuh kieku!

Kif għedna, mhux għasfur komuni, u għalhekk tantx tittamaw li tarawh spiss. Ohorġu berdwoċing u meta kultant tarawh gawduh, għax hu għasfur verament sabiħ.

| |
|---|
| Ingliż: **black-winged stilt**<br>Xjentifiku: ***Himantopus himantopus*** |

*Mark Anthony Falzon*

# Kun berdwoċer!

Kif l-aħjar tgawdi l-għasafar




**Berdwoċer serju dejjem iġorr miegħu nowtbuk biex fih iniżżel noti ta' l-osservazzjonijiet li jagħmel.**

Niżżel dejjem id-data, il-ħin, il-post u naturalment l-ispeċi li tara u kemm tkun rajt. Idea tajba li tniżżel ukoll x'temp kien u forsi d-direzzjoni tar-riħ ukoll. Bl-esperjenza tibda żżid ukoll dettalji dwar l-għasafar li tara: jekk humiex frieħ jew adulti, jekk humiex nisa jew irġiel eċċ. Interessanti wkoll li tniżżel noti ta' xi mġiba speċjali li tkun rajt, bħal ngħidu aħna x'kien qiegħed jiekol jew kif kien qiegħed itir, jew forsi rajt xi għasfur jattakka ieħor.

Importanti wkoll li meta tara għasfur li m'għaraftx jew xi speċi rari, niżżel kemm tista' dettalji u anke pinġi dak li qed tara.

In-nowtbuk iservik ta' rikordju għall-futur u tkun tista' tqabbel x'rajt minn sena għal sena, u tidra x'għasafar tistenna li tara minn staġun għal ieħor. In-nowtbuk jista' jservi wkoll għal xi studju.

*Michael Sammut*

***Parir ta' l-espert***

*Tużawx feltpens biex tiktbu għax jekk tkun ix-xita u jixxarrbilkom in-nowtbuk, tispiċċaw b'xi biċċa arti astratta flok noti dwar l-għasafar! Il-lapes dejjem l-aħjar soluzzjoni.*

# GALLERIJA

**it-tpinġijiet tagħkom!**



**Qerd in-naħal**
Joseph Glynn 14



**Merill**
Jocelyn Scicluna 10



**Tukan**
Ryan Farrugia 9



**Qarnita**
David Attard 11



**Pellikan**
Mark Mamo 8



**Pagun**
Edwin Gusman 8






**Żebra**
Amanda Cassar 10



**Fairy tern**
Therese Attard 10



**Bekkafik**
Luke Caruana 11

SPOT NATURA

Jason Aloisio



Ftit ilu kont qed inqalleb ktieb antik mimli riċetti Maltin. U f'paġna minnhom iltqajt ma' kif tagħmel stuffat tal-fekruna tal-baħar!!

Għall-grazzja t'Alla dan l-ikel inqata' għal kollox mill-kċina Maltija, il-fekruna llum hija mħarsa bil-liġi u tista' tgħum fl-ibħra Maltin b'rasha ftit aktar mistrieħa.

# il-fekruna

Il-**fekruna komuni** (loggerhead turtle *Caretta caretta*) tissejjaħ hekk għaliex hi l-aktar waħda li tidher fil-Mediterran. Ġeneralment ikun fiha xi 70ċm u kultant tilħaq il-metru tul. Il-qoxra jkollha forma ta' qalb. Hajjitha tqattagħha fil-baħar imma bħalna trid titla' fil-wiċċ biex tieħu n-nifs.

Fi żmien il-bejta, il-fekruna mara titla' fuq xi ramla mwarrba u tbid tqegħida bajd fħofra li tħaffer b'saqajha ta' quddiem. Il-bajd ifaqqas waħdu bis-sħana tax-xemx. Sa l-1930 il-fekruna kienet għadha tbejjet fir-Ramla l-Ħamra ta' Għawdex. Ma baqgħetx tbid hemm għax il-bajja bdiet issir popolari ma' l-għawwiema. Il-fekruna tgerrxet minn dan il-post, u b'hekk Malta tilfet annimal sabiħ u interessanti.

L-ikel favorit tal-fekruna huwa l-bram. Sfortunatament ħafna fkieren imutu mewta kiefra meta jibilgħu xi boroż tal-plastik għax jaħsbuh bram - ftakru li l-fekruna ma tantx għandna vista tajba ħafna. Qed taraw kif il-ħmieġ li narmu mhux biss ikerrah, imma għandu ħabta jeqred il-ħajja wkoll!

# Kompetizzjoni 50

Norman Chetcuti

Il-kelmiet imħawdin li ghandkom hawn taħt huma kollha ismijiet ta' għasafar. Irranġawhom u daħħluhom fit-tisliba.

**Mimdudin**
1 Le Bieb Bieb (9)
4 Mill Re (6)
5 U Dak (4)
7 Wakakk (6)
8 Veru T Kul (8)
9 Par A (4)

**Weqfin**
2 Lablib (6)
3 Krue (4)
4 Nar Mug (6)
6 Twalet A (7)
7 Ak Kok (5)




Meta tlestu, ikkupjaw jew ħudu fotokopja tat-tisliba u ibagħtuhielna flimkien ma' isimkom u l-indirizz. Tistgħu wkoll tiskenjawha u tibagħtuhielna attaċment. Imma QATT tqattgħu l-magażin!

## Kompetizzjoni 49

Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 49 huwa **Luca Corso** minn Santa Venera. Luca se jirċievi bil-posta l-kartolini li rebaħ. Prosit Luca!

## Kemm infakkrukom...

Ħa norganizzaw **Kamp fuq Kemmuna** għall-membri tal-Falko. Xemx u għawm u għażż u rilass... u forsi anke xi ftit tax-xogħol fil-Proġett Wied l-Aħmar. Data: **28-29-30 Ġunju 2002**. Ċemplu 21347646 biex tibbukkjaw.



## Għad baqa' x'jinġabar...

Għad baqa' xi membri li baqgħu ma ġabrux il-premjijiet li kienu rebħu fil-Mixja Maratona *tas-sena l-oħra*. L-affarijiet jinkludu oġġetti ftit goffi bħal basktijiet u T-shirts, u għalhekk mhux possibli għalina li nibagħtuhomlkom bil-posta. Ċemplu 21347646 ħalli tiġu tiġbruhom miċ-Ċentru tal-BirdLife.

Il-ħbieb tagħna huma: Paul Calleja, Damian Micallef, Danielle Busuttil, Shaun J Micallef, Timothy Falzon, Marco Calleja, Roxanne Testa, Andrew Agius, Shaun Grech, Luke Grech, Andrew Falzon, Daniel Mangion, Marie Noelle Ciantar, Rebecca Baldacchino, Franco Farrugia, Ryan Bonett, Tony Farrugia.

# Lejla kraft

**Se niltaqgħu flimkien u nagħmlu sagħtejn nivvintaw u noħolqu affarijiet ta' kraft minn materjal differenti. U jekk jaqbadna l-ġuħ u l-għatx tinkwetawx, għax x'innaqqru se jkollna wkoll! Insomma, attività a la Klabb Ħuttaf! Iktar dettalji mhux se noqgħod nagħti. Intom ejjew u gawdu!! Narawkom!**

Data: **Il-Ħamis 4 Lulju 2002**
Ħin: **6pm - 8pm**
Post: **Skola Primarja tal-Furjana**
Prezz: **75ċ** (ħlas fil-bieb)
Età: Ħuttaf kollha!
Nixtiequ nkunu nafu minn qabel kemm se tkunu. Għalhekk ibbukkjaw billi ċċemplu 21347646. Ċans sa 30 Ġunju 2002



***Messaġġ mill-Kumitat***

*Niskużaw irwieħna li jkollna niċċarġjaw xi ħaġa tal-flus għall-attivitajiet ta' ġewwa. Dan nagħmluh biex nifdu l-ispejjeż mhux biss ta' ikel u xorb, imma wkoll tal-kiri tas-sala u s-servizzi ta' min jiftħilna l-iskola eċċ. Li kieku nistgħu, l-attivitajiet nagħmluhomlkom kollha b'xejn...*




Għaraftu x'inhu? Dan huwa **agrett iswed** (black egret), li jgħix fxatt l-għadajjar ta' l-Afrika. Biex jaqbad il-ħut, jagħlaq ġwinħajh forma ta' umbrella. B'dan il-mod ikun jista' jara aħjar għax ix-xemx ma tgħammxux! Jista' jkun ukoll li l-ħut jidħol jistkenn mix-xemx għad-dell ta' ġwinħajh! Imbagħad daqqa ta' munqar, u ġewwa! F'din il-pożizzjoni spiss ukoll jimxi, u jaqta' figura ftit komika!

## Fuljett biex inqassam!

Sur Editur,

Jien inħobb ħafna l-annimali. Inkun nixtieq li ngħinhom b'xi mod biex ma jinhaqrux. Għandi idea li nikteb messaġġ (speċi ta' newsletter) u nqassmu lil sħabi u lill-ġirien biex nifthilhom għajnejhom. X'taħseb inti?

Prosit tar-rivista u ta' l-attivitajiet, veru interessanti. Komplu sejrin hekk!



Veronica Barbara
Ħal Tarxien

Għażiża Veronica,

Ħadt gost naqra li tixtieq tgħallem lil ħaddieħor biex ma jaħqrux lill-annimali.

Jekk tħoss li tista' toħloq fuljett u tqassmu biex ħaddieħor jaqrah u jitgħallem, mela agħmel hekk. Qis biss li jkollu tagħrif siewi, li t-tagħrif ikun veru u li jkun miktub b'mod korrett u interessanti biex jinqara. Jekk tixtieq tieħu materjal mill-Ħuttafa stess, dan tista' tagħmlu bil-qalb kollha u bil-barka tal-BirdLife!

Prosit tal-ħerqa tiegħek, u awguri għall-proġett. Jekk jirnexxilek għidilna.

L-Editur

## Baħar biex innaddaf!



Sur Editur,

Nixtieq nifraħlek tal-magażin vera sabiħ u informattiv. Grazzi ħafna wkoll ta' dawn it-tliet snin li ilni membru ta' Klabb Ħuttaf, għaliex għallimtuni ħafna affarijiet li għalija kienu ġodda.

Nixtieq ngħidlek li l-Ħadd li għadda meta jien kont qiegħda ngħum, il-baħar kien mimli ħmieġ bħal fliexken tal-plastik, basktijiet tal-plastik, tazzi u fuq kollox kien hemm xi ħadd li rema ż-żejt tad-dgħajsa. Ridt ngħaddi suġġeriment, forsi xi darba torganizzaw ġurnata nnaddfu l-baħar ta' xi bajja.

Grazzi u dejjem tiegħek,

Anne Marie Galea
Ħal Għargħur

Għażiża Anne Marie,

Il-pjaċir tagħna naraw il-membri tal-Klabb jikbru u jitgħallmu u jsiru ambjentalisti sodi u serji. Wara kollox, Klabb Ħuttaf għalhekk l-iktar li jeżisti!

Iva, il-ħmieġ f'Malta huwa pjaga kbira. Għal ħafna nies, l-indafa teżisti biss mill-għatba tad-dar 'il ġewwa. Barra mid-dar qisu mhux tagħna, mela allura ħammeġ u nitten kemm tiflaħ - basta ma jaqbdekx il-gwardjan!!!

Mhix l-ewwel darba li l-BirdLife organizzat jew ħadet sehem fi clean-ups. Forsi xi darba nerġgħu nagħmlu waħda.

L-Editur

# SITTSAQAJN

Matthew Borg Cardona

## Is-Seffud tal-Ġamar



Is-**seffud tal-ġamar** (fire bug *Scantius aegyptius*) jinstab ma' l-art u ġieli taħt il-ġebel. Tagħrfu minn rasu, li hija kompletament sewda, u mit-tikek suwed fuq dahru. Is-seffud ġeneralment jixrob is-sugu tal-pjanti, bħal pulċinell (ara Ħuttafa 49) u biex jagħmel dan għandu ħalq apposta li qisu siringa.

Fix-xitwa, bħal ħafna insetti oħra, is-seffud jistaħba - jidħol taħt xi ġebla u jinġabru fi gruppi kbar, fejn jidħlu fil-letarġ sar-rebbiegħa. Hekk kif jgħaddu x-xhur kesħin u jqumu mil-letarġ, is-seffud jinżlu ma' l-art biex jixorbu s-sustanzi taż-żerriegħa li jkunu waqgħu mis-siġar jew pjanti. Meta ma jsibux ikel, dawn jistgħu jattakkaw insetti iżgħar minnhom.

Il-bajd ibiduh taħt il-weraq tal-pjanti fi gruppi kollha ħdejn xulxin. Meta jfaqqsu, iż-żgħar ikunu jixbhu ħafna lill-adulti, però jkun għad m'għandhomx ġwienaħ.

Is-seffud jifforma parti mill-grupp Heteroptera, u qiegħed fil-Familja Pyrrhocoridae. F'Malta għandna speċi waħda biss.

# Bidla fil-Klima

*Elisabeth Conrad*




## l-effett serra

F'dawn l-aħħar snin, iżda, is-suġġett tal-bdil fil-klima qajjem ħafna dibattitu, partikolarment rigward it-tisħin globali (*global warming*). Dan it-tisħin isir minħabba l-effett serra (*greenhouse effect*). L-effett serra huwa proċess naturali u bżonjuż ħafna - fil-fatt mingħajru t-temperatura medja tad-dinja kienet tkun biss madwar -18ºC u ma kien ikun hawn ebda ħajja. Il-problema hi li l-bniedem qed iżid wisq ma' dan l-effett naturali.

Ċerti gassijiet bħad-dijossidi karboniku u metanu jżidu ma dan l-effett u jġiegħlu t-temperatura tad-dinja togħla. Dawn il-gassijiet ukoll huma naturali, imma aħna l-bnedmin qed inżidu l-konċentrazzjoni tagħhom fl-atmosfera. Meta naħarqu l-faħam jew iż-żejt, per eżempju, fl-arja nkunu qed narmu ammonti kbar ta' dijossidu karboniku.

## x'jiġri kieku...

X'jiġri jekk tinbidel il-klima tad-dinja? Ħafna xjenzati ilhom snin jippruvaw iwieġbu din il-mistoqsija u saru mudelli sofistikati ta' x'jista' jiġri, imma xorta m'hemmx ftehim. Dan għaliex is-sistema atmosferika hija kkumplikata immens. Ħafna jaqblu però li t-temperatura QIEGĦDA togħla u li dan jista' jkollu effetti serji fuq il-bnedmin.

Per eżempju jekk togħla t-temperatura jistgħu jogħlew il-livelli tal-baħar. Dan għaliex iż-żieda fit-temperatura iġġiegħel is-silġ tal-Poli ta' Fuq u t'Isfel biex jibda jinħall. Żieda fil-livell tal-baħar għandha tinkwieta speċjalment lilna l-Maltin, għax aħna ngħixu fuq gżira baxxa!

Effett ieħor jista' jkun tibdil fil-klima ta' ħafna postijiet. Postijiet bħal ċerti pajjiżi fl-Afrika jista' jkollhom klima iktar niexfa. Hemm ċans ukoll li maltempati u uragani kbar iseħħu iktar ta' spiss. Tista' wkoll tiżdied il-frekwenza ta' nirien forestali u infestazzjonijiet ta' ċerti insetti li huma pests. L-effetti fuq l-ekoloġija jistgħu jkunu serji. Il-WWF għadha kemm għamlet studju li wera li t-tisħin globali qed jhedded il-ħabitati ta' l-ors polari.

Għalkemm mhemmx ċertezzi fuq x'jista' jiġri, ħafna jaħsbu li aħjar nadottaw il-prinċipju ta' prevenzjoni milli ta' kura! X'qed isir fuq din il-problema?

## x'qed isir...

Kien hemm diversi inizzjattivi minn organizzazzjonijiet bħall-Ġnus Magħquda. Fl-1997, per eżempju, 159 pajjiż iffirmaw il-protokol ta' Kyoto tal-*United Nations Convention on Climate Change*. Imma ċerti pajjiżi li huma responsabbli għall-ħafna mit-tniġġis li qed jikkawża t-tisħin globali ma jaċċettawx il-miżuri li hemm imniżżlin fil-ftehim. L-Istati Uniti, per eżempju, qed tqajjem ħafna kontroversja.

## Raġunar Amerikan!

Riċentament il-gvern Amerikan ippublika rapport li fih ammetta li l-bdil fil-klima veru qed iseħħ, imma rrakkomanda li għandna sempliċiment naċċettaw din il-ħaġa bħala fatt tal-ħajja li ma nistgħux inbiddlu! Mur obsor! U s'intendi l-iStati Uniti mbagħad ma tridx taċċetta r-responsabbiltà tagħha lejn l-ambjent globali. Meta tqis li l-Amerka hi waħda mill-iktar pajjiżi li jħammġu l-ambjent, il-pożizzjoni li qed jieħdu tidher iktar vili!

Studju ieħor Amerikan qed jgħid li l-tisħin globali jgħin l-agrikoltura!!! Raġunar tipiku ta' min jara biss sat-truf tax-xtut tiegħu (anke jekk xtut kbar ħafna)!

L-Unjoni Ewropea qed tipprova minn kollox biex tikkonvinċi lill-iStati Uniti biex tintrabat b'dan il-ftehim. Għad irridu naraw jekk l-opinjoni tal-pubbliku twassalx għall-bidla fl-attitudni tal-gvern Amerikan.



mur aqbad ktieb!




# Il-Volpi s-Sewda

Miktub minn Betsy Byers
Tpinġijiet ta' Gareth Floyd
Heinemann New Windmills (1982)

Tom jieħu l-qatgħa ta' ħajtu meta l-ġenituri jgħidulu li kienu se jieħdu vaganza weħidhom, u li hu kine se jkollu jmur iqatta' xaharejn sħaħ fir-razzett ta' zitu. Ikun ċert li kien se jiddejjaq hemmhekk, u kif jasal, jinduna kemm kellu raġun.

Imma darba jilmaħ volpi sewda. F'ħajtu kollha Tom qatt ma kien ħassu daqshekk eċitat. L-annimali taż-żu qatt ma kienu dehru daqshekk sbieħ għalTom.

Aktar ma beda dieħel is-sajf, Tom aktar jibda jara l-volpi ta' spiss sakemm titrabba bħal ġibda speċjali bejniethom. U meta l-volpi u ż-żgħir tagħha jkunu fil-periklu, Tom juri li hu qalbieni ħafna aktar milli qatt kien ħolom.

*Janet Gerardi*

*Dal-ktieb issibuh ukoll għas-self mil-Librerija Publika tal-Furjana*

biex niċċajtaw!



"Ara! Sandwiċis!"

żuru l-websajt tal-BirdLife
www.birdlifemalta.org

## Daħħal membru ġdid fi Klabb Huttaf u tieħu



- Tliet pitazzi
- stiker bil-kulur
- 8 punti fil-Huttafa tas-Sena

Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Huttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, ilma isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.




**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______
Indirizz ______
______ postcode ______
Data tat-twelid ______ Telefon ______

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______
Indirizz ______
______ postcode ______
Membership number ______ Telefon ______

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 34 bolla tas-6ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**


IL-Huttafa
Il-Magażin ta' Klabb Huttaf
PO Box 498 Valletta CMR 01
Barċa gdida ta' kull xahrejn għall-membri MOS ta' taħt l-erbatax-il sena.
Nirrwetti Griż
Iftira Gdida
Widnet il-Baħar
Baghdan Aħmar
X'ikun SAO LA ????
KAĊĊA
Il-Huttafa tismen
TAPACULO
STEAK BUSTERS
600 godda...
Aliuuuutooooo
Pitter u irbah!!
FRANKIE SAYS STOP
7704 jonhru!
Kun Berdwoċer
Borra fl-Għadira
BALI
Kemm kellbu Mona?
Rip van Squirrel
"Halluli saqajja!"
VANDALFEST
Ċenċrawa
ORANGE BENDER
BOLLI għall-BALLUT
PARTY!
STIKER DINJA WANDA 96
POSTER ESSAY
Ġdida mill-Atlantiku!
Kont taf ?
DELITT
Grupp Lokali Ġdid
Ir-Ruħ tal-lejl...
KS2
ALIVE
MUNQAR
FORESTA 2000
FEJN?
WORLD
"135 ittru ilma. This wieled!"
Anke l-Blue Whale tbza' minnha!
Lupu fl New York!
filfla tiffolla...
150
Paletta
BirdLife
BirdLife tpassi...
700,000km genna...
BirdLife MALTA
Big Big Bird!
Farfett tax-Xewk
Barbagann
Berwieq